Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 19 ta' Marzu 2025**
**(OR. en)**

**7212/25**
**ADD 1**

**AGRILEG 37**
**VETER 30**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 17 ta' Marzu 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | D098112/02 ANNEX |
| Suġġett: | ANNESS<br>tar-<br>REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) …/…<br>li jemenda r-Regolament (UE) Nru 142/2011 fir-rigward tar-rekwiżiti għall-importazzjoni taż-żejt tat-tisjir użat |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D098112/02 ANNEX.

Mehmuż: D098112/02 ANNEX

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
SANTE/7125/2016 ANNEX Rev. 1
(POOL/G2/2016/7125/7125R1-EN
ANNEX.doc) D098112/02
[…](2025) XXX draft

ANNEX

**ANNESS**

**tar-**

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) …/…**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 142/2011 fir-rigward tar-rekwiżiti għall-importazzjoni taż-żejt tat-tisjir użat**

## ANNESS

L-Annessi I, XIV u XV huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness I, jiżdied il-punt li ġej:

"62. "żejt tat-tisjir użat" tfisser frazzjoni taż-żejt tal-iskart tal-catering tal-materjal tal-Kategorija 3 li fih jew li jikkonsisti f'materjali li joriġinaw mill-annimali kif imsemmi fl-Artikolu 10, il-punt (p), tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.";

(2) fl-Anness XIV, il-Kapitolu II huwa emendat kif ġej:

(a) fit-Taqsima 1, fit-Tabella 2, tiżdied ir-ringiela li ġejja:

| Nru | Prodott | Materja prima (referenza għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009) | Kundizzjonijiet ta' importazzjoni u tranżitu | Listi ta' pajjiżi terzi | Ċertifikati / dokumenti mudell |
|---|---|---|---|---|---|
| "21 | Żejt tal-ikel użat | Il-materjal tal-Kategorija 3 imsemmi fl-Artikolu 10, il-punt (p) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, kif definit fl-Anness 1, il-punt 62. | Iż-żejt tat-tisjir użat għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 13. | Kwalunkwe pajjiż terz. | L-Anness XV, il-Kapitolu 22." |

;

(b) tiżdied it-taqsima li ġejja:

*"Taqsima 13*

**Importazzjonijiet taż-żejt tal-ikel użat**

Iż-żejt tat-tisjir użat ta' materjal tal-Kategorija 3 imsemmi fl-Artikolu 10, il-punt (p) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, jista' jiġi importat diment li kunsinna tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) joriġina minn stabbiliment jew impjant approvat jew irreġistrat f'pajjiż terz;

(b) wara l-kontrolli uffiċjali fuq il-kunsinni stabbiliti fl-Artikolu 49(1) tar-Regolament (UE) 2017/625, sakemm ma tiġix imċaqalqa permezz ta' sistema ta' trasportaturi magħluqa, li ma tistax tinqabeż u li ġiet awtorizzata mill-awtorità kompetenti, il-kunsinna hi trasportata u mmonitorjata f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2019/1666, lejn l-impjant tad-destinazzjoni:

(i) approvat għall-ipproċessar f'bijodiżil jew fi fjuwils rinnovabbli f'konformità mal-Artikolu 24(1), il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;

(ii) approvat għall-immaniġġar taż-żejt tal-ikel użat f'konformità mal-Artikolu 24(1), il-punt (h), tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;

(iii) approvat għall-ħżin taż-żejt tal-ikel użat f'konformità mal-Artikolu 24(1), il-punt (i), tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009; jew

(iv) irreġistrat għall-attivitajiet oleokimiċi f'konformità mal-Artikolu 23(1), il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.

(c) ikun ġie ffiltrat qabel id-dispaċċ, jew ikun għadda minn separazzjoni fiżika minn elementi mhux taż-żejt, inkluż l-ilma u l-partikoli solidi ta' aktar minn 6 mm, biex jilħaq ammont ikkombinat ta' ndewwa u partikoli solidi ta' mhux aktar minn 10 % w/w* fil-ħin tad-dispaċċ;

(d) fil-ħin tal-kontrolli uffiċjali fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jkun akkumpanjat minn dikjarazzjoni tal-importatur imfassla f'konformità mad-Dikjarazzjoni mudell stabbilita fil-Kapitolu 22 tal-Anness XV b'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fih se jitwettqu l-kontrolli uffiċjali fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera, kif ukoll b'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni.

______

* % w/w: perċentwal skont il-piż, konċentrazzjoni espressa bħala l-piż ta' solut maħlul f'piż partikolari tas-soluzzjoni.";

(3) fl-Anness XV, jiżdied il-kapitolu li ġej:

“KAPITOLU 22

**Dikjarazzjoni mudell**

*Dikjarazzjoni mill-importatur ta’ żejt tat-tisjir użat maħsub għall-importazzjoni lejn [(1)]/ tranżitu [(1)] mill-Unjoni Ewropea*

| **PAJJIŻ** | **dikjarazzjoni għall-UE** |
|---|---|

**Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **I.1 Speditur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2 Referenza taċ-ċertifikat**<br>**I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali**<br>**I.4 Awtorità Kompetenti Lokali** | **I.2a Referenza tal-IMSOC**<br>**KODIĊI QR** | |
| **I.5 Destinatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6 Operatur responsabbli mill-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | | |
| **I.7 Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | | |
| **I.8 Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | **I.10 Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi | | |
| **I.11 Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | | |
| **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u ħin tat-tluq** | | |
| **I.15 Mezz tat-trasport**<br>☐ Inġenju tal-ajru ☐ Bastiment<br>☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16 Post ta’ Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**<br>**I.17 Dokumenti ta’ akkumpanjament**<br>Tip — Kodiċi<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali | | |
| **I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport** | ☐ Ambjentali | ☐ Imkessaħ | ☐ Iffriżat |
| **I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur — Nru tas-siġill | | | |
| **I.20 Iċċertifikat bħala jew għal**<br>☐ Użu tekniku | | | |
| **I.21 ☐ Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22 ☐ Għas-suq intern**<br>~~I.23 ☐ Għad-dħul mill-ġdid~~ | | |
| **I.24 Għadd totali ta’ imballaġġi** | **I.25 Kwantità totali** | **I.26 Piż nett/piż gross totali (kg)** | |
| **I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna** | | | |

| Kodiċi NM | Kategorija | Sistema ta’ identifikazzjoni | Numru ta’ identifikazzjoni | Kwantità | Tip |
|---|---|---|---|---|---|
| Marka ta’ identifikazzjoni | Tip ta’ imballaġġ | Għadd ta’ imballaġġi | | | |

| Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru |
|---|

**PAJJIŻ** **dikjarazzjoni mudell**

Parti II: Ċertifikazzjoni

**II. Informazzjoni dwar is-Saħħa**

| **II.a** | **Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b** | **Referenza tal-IMSOC** |
|---|---|---|---|

**DIKJARAZZJONI**

Jiena, hawn taħt iffirmat, niddikjara li

1. Jiena konxju li l-użu taż-żejt tal-ikel użat jew tal-prodotti derivati minnu għat-tagħlif tal-annimali tar-razzett huwa pprojbit f'konformità mal-Artikolu 11(1), il-punt (b), tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.
2. Iż-żejt tat-tisjir użat tal-materjal tal-Kategorija 3 imsemmi fl-Artikolu 10, il-punt (p), tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 ta' din il-kunsinna jkun ġie ffiltrat qabel id-dispaċċ, jew ikun għadda minn separazzjoni fiżika mill-elementi mhux taż-żejt, inkluż l-ilma u l-partikoli solidi ta' aktar minn 6 mm, biex jintlaħaq ammont ikkombinat ta' ndewwa u partikoli solidi ta' mhux aktar minn 10 % w/w (*indika t-trattament*):

   ______________________________________________

   ______________________________________________;
3. Saru arranġamenti biex jiġi żgurat li din il-kunsinna ta' żejt tat-tisjir użat tiġi ttrasportata u mmonitorjata f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1666 mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni Ewropea

   *(1)jew* [direttament lejn l-impjant fil-post tad-destinazzjoni approvat f'konformità mal-Artikolu 24(1), il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 għall-ipproċessar f'bijodiżil jew fi fjuwils rinnovabbli.]

   *(1)jew* [direttament lejn impjant li jwettaq attivitajiet oleokimiċi, irreġistrat f'konformità mal-Artikolu 23(1), il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.]]

   *(1)jew* lejn

   *(1)jew* [impjant li jwettaq attivitajiet intermedji u ħżin, approvat f'konformità mal-Artikolu 24(1), il-punt (h), tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 rispettivament għall-immaniġġar u għall-ħżin taż-żejt tat-tisjir użat.]]

   *(1)u/jew* [impjant tal-ħżin approvat f'konformità mal-Artikolu 24(1), il-punt (i), tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 għall-ħżin taż-żejt tat-tisjir użat.]]

**Noti:**

***Din id-dikjarazzjoni sservi biss għal skopijiet veterinarji u għandha takkumpanja l-kunsinna sakemm tasal fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera u għandha tinħareġ b'mill-inqas lingwa uffiċjali waħda tal-Istat Membru li minnu l-kunsinna tidħol għall-ewwel darba fl-Unjoni u b'mill-inqas lingwa uffiċjali waħda tal-Istat Membru tad-destinazzjoni.***

**Parti I:**

- Kaxxi bir-referenza I.11 u I.12: Numru tal-approvazzjoni: in-numru uffiċjali tal-istabbiliment jew tal-impjant li jkun ġie assenjat mill-awtorità kompetenti.
- Kaxxa bir-referenza I.27: Kodiċi NM(3): 1518 00 95 jew 3825 10 00.
  Kwantità: indika l-piż gross u l-piż nett totali f'kg.

**Parti II:**

(1) Ħassar kif meħtieġ.

(2) Il-firma għandha tkun ta' kulur differenti minn dak tal-istampar.

(3) Il-Kodiċi NM imsemmi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/632 tat-13 ta' April 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-listi ta' annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti dderivati minnhom, prodotti komposti, u ħuxlief u tiben soġġetti għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2007 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/275/KE (ĠU L 132, 19.4.2021, p. 24, ELI http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/632/oj).

**L-importatur**

| | |
|---|---|
| Isem (b'ittri kbar) | |
| Data | Indirizz |
| Post | Firma |

".